

Brussell, 13 ta' Jannar 2017
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0404 (COD)**

5281/17
ADD 2

COMPET 22
MI 32
ETS 3
DIGIT 6
SOC 16
EMPL 12
CONSOM 11
CODEC 36
IA 7

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Jannar 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2016) 462 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2016) 462 final.

Mehmuż: SWD(2016) 462 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.1.2017
SWD(2016) 462 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-
professjonijiet**

{COM(2016) 822 final}
{SWD(2016) 463 final}

Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar il-Proposta biex jiġi introdott test ta' proporzjonalità għar-regolamentazzjoni tal-professjonijiet
A. Il-ħtieġa għall-azzjoni
Għaliex? X'inhom l-problema li qed tiġi indirizzata?
Hemm madwar 5600 professjonijiet regolati li jaffettwaw direttament parti kbira tal-forza tax-xogħol Ewropea, u r-regolamentazzjoni sproporzjonata tirrappreżenta ostaklu sinifikanti għas-Suq Uniku tas-servizzi u għanda effetti ekonomiċi negattivi mifruxa. Id-deċiżjonijiet regolatorji spiss jittieħdu mingħajr analiżi profonda jew proċeduri trasparenti. Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professionali teħtieġ lill-Istati Membri jivvalutaw il-proporzjonalità tar-regolamenti tagħhom iżda ma tipprovdux sett komuni ta' kriterji għal dan jew biex iżommu milli jiġu adottati miżuri sproporzjonati.
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
L-għan huwa li jiġu ċċarati l-kriterji minimi billi jinħoloq qafas trasparenti u prevedibbli għall-Istati Membri biex jivvalutaw il-proporzjonalità qabel ma jadottaw regolamentazzjoni ġdida. Il-prevenzjoni ta' miżuri sproporzjonati tinkiseb billi: <ul style="list-style-type: none"> • il-verifiki tal-proporzjonalità jsiru aktar oġġettivi, komprensivi u komparabbli; • jiġi żgurat li r-regoli jiġu applikati b'mod ugwali mill-awtoritajiet nazzjonali; • tkun meħtieġa evidenza solida u l-involvement tal-partijiet interessati fit-tfassil tal-politika; • tiġi stimolata l-innovazzjoni filwaqt li jiġi żgurat li r-regoli jkunu aġġornati minħabba r-rieżami perjodiku; biex b'hekk l-analiżi tkun disponibbli għall-pubbliku u allura tiffaċilita r-reviżjoni bejn il-pari.
X'inhom l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?
Bħalissa, l-iskrutinju mhux armonizzat tar-regolamentazzjoni tal-professjonijiet għandu impatt negattiv fuq is-Suq Uniku, l-għoti tas-servizzi u l-mobilità tal-professjonijiet. L-azzjoni mill-Istati Membri waħedhom mhux se tiżgura qafas legali koerenti tal-UE u lanqas tindirizza l-problemi eżistenti li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet nazzjonali. L-għanijiet ta' din l-azzjoni jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-UE minħabba l-kobor u l-effetti tagħha bis-saħħa tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' valutazzjoni komuni u komparabbli għall-UE kollha. Fid-dawl tal-bidliet frekwenti lir-regolamentazzjoni professjonali, hemm ir-riskju li mingħajr azzjoni tal-UE, jista' jikber id-distakk bejn dawk li ġa japplikaw prattiki regolatorji tajbin u dawk li le, u b'hekk tikber id-diverġenza fil-kwalità tar-regolamentazzjoni. Dan, fl-aħħar mill-aħħar, ikollu effett negattiv fuq l-aċċess għal professjoni; ir-riżultat ikun konsegwenzi negattivi għall-mobilità u l-prestazzjoni ekonomika.

B. Soluzzjonijiet
Liema alternattivi leġiżlattivi u non- leġiżlattivi tqiesu? Teżisti għażla preferuta jew le? Għaliex?
Tqiesu 3 alternattivi ta' politika: 1) Linji gwida u skambju fil-fond ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet jafu jgħinu lill-Istati Membri jwettqu testijiet ta' proporzjonalità, iżda dan se jkollu impatt limitat ħafna. L-istabbiliment ta' test ta' proporzjonalità tal-UE għall-professjonijiet regolati jista' jinkludi diversi alternattivi. Jista' jstabbilixxi l-kriterji minimi għat-tmexxija tal-verifiki tal-proporzjonalità, msejsa fuq il-ġurisprudenza u b'konsegwenza jikkomplimentawha, u bl-introduzzjoni ta' valutazzjonijiet dwar l-Istati Membri bis-saħħa ta' strument vinkolanti (2a) jew f'Rakkomandazzjoni (2b). Jista' wkoll jinkludi aspetti proċedurali, bħal konsultazzjonijiet pubbliċi u rieżami perjodiku sabiex jiġi żgurat li l-verifiki tal-proporzjonalità jitmexxew b'mod oġġettiv u indipendenti ħalli jkun hemm valutazzjonijiet komprensivi fis-setturi tal-attivitajiet kollha (jeżistu żewġ sub-alternattivi f'dan ir-rigward (3a Direttiva tal-UE u 3b Rakkomandazzjoni). Minkejja li l-alternattivi mhumiex reċiprokament esklussivi, l-alternattiva ppreferuta hija l-Alternattiva 3a, għaliex tindirizza bl-aħjar mod il-problemi fil-livelli kollha tar-regolamentazzjoni (effett <i>ex-ante</i>) u tiġġenera l-aktar benefiċċji.

Min jaqbel ma' liema alternattiva?
Hemm kunsens ġenerali u qawwi fost il-partijiet interessati li għandha tittieħed azzjoni tal-UE biex tiddaħħal iċ-ċarezza u li għandu jkun obligatorju metodu komuni fir-rigward tat-testijiet tal-proporzjonalità.
C. L-impatti tal-alternattiva ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella, x'inhuma l-vantaġġi ewlenin)?
Il-benefiċċji għall-professjonisti, il-konsumaturi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi qegħdin fl-iżgurar ta' regolamentazzjoni aħjar billi jkun hemm prevenzjoni kontra l-adozzjoni ta' regoli sproporzjonati. Direttiva tigarantixxi li l-Istati Membri jimplimentaw it-test b'mod ekwivalenti sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku. L-alternattiva vinkolanti timponi analiżi oġġettiva minn qabel, ċarezza, u qsim tal-informazzjoni għall-promozzjoni ta' testijiet affidabbli u komprensivi li juru r-robustezza tad-deċiżjonijiet finali. L-alternattiva ppreferuta tkabbar il-fiduċja, l-innovazzjoni u l-iżviluppi tekniċi permezz ta' rieżami regolari tar-regolamentazzjoni nazzjonali tal-professjonijiet.
X'inhuma l-ispejjeż involuti fl-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella, x'inhuma l-ispejjeż ewlenin)?
L-ispejjeż relatati mal-valutazzjoni tal-proporzjonalità in ġenerali joħorġu mill-obbligi kurrenti kif stipulati fid-Direttiva dwar il-Kwalifiki u l-ġurisprudenza u għalhekk ma jirrappreżentawx spiża amministrattiva addizzjonali ġdida. Madankollu, l-ambitu estiż biex jinkludi l-aspetti proċedurali, bħall-konsultazzjonijiet pubbliċi, jaf iżid l-ispejjeż u l-ammont tax-xogħol għall-awtoritajiet pubbliċi. Min-naħa l-oħra, l-alternattiva ppreferuta jista' jkollha impatt pożittiv fuq is-Suq Uniku għas-servizzi professjonali u tgħin b'mod konsistenti biex ma jkunx hemm ostakli regolatorji sproporzjonati fis-setturi kollha tal-attivitajiet. Mistennija tipromwovi l-integrazzjoni soċjali u ekonomika, speċjalment għall-ħaddiema żgħażaġħ tas-sengħa.
Kif se jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?
L-alternattiva ma tinvolvi l-ebda obbligu għall-professjonisti u għan-negozju: anzi, se jgawdu mill-prevenzjoni ta' piżijiet mhux neċessarji.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Se jkun hemm żieda limitata fl-ispejjeż amministrattivi sew għall-amministrazzjonijiet nazzjonali sew għall-Kummissjoni, iżda dan l-impatt mistenni jkun ikkumpensat sew minn spejjeż inqas għal proċeduri ta' litigazzjoni għan-non-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.
Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħrajn?
Ma huma antiċipati l-ebda impatt sinifikanti oħrajn. Id-drittijiet funadmentali huma osservati bis-sħiħ.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-Kummissjoni se tirrapporta regolarment dwar l-implimentazzjoni tat-test fil-livell nazzjonali, u ssir evalwazzjoni fi żmien 5 snin mill-adozzjoni.